

Brussell, 31 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7825/26

DELECT 60
VETER 43
AGRILEG 71

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 900 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'27.3.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24), tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika u tal-metrite kuntaġġuża ekwina (<i>Taylorella equigenitalis</i>)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 900 final.

Mehmuż: C(2026) 900 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2026
C(2026) 900 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.3.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24), tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika u tal-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")¹ jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard, li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inkluż ir-regoli għar-reġistrazzjoni u għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali, u għar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' konsenji ta' prodotti ġerminali fl-Unjoni.

Il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma².

L-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jipprevedu li l-veterinarji taċ-ċentru u l-veterinarji tal-gruppi jridu jiżguraw li l-annimali donaturi la juru sintomi u lanqas sinjali kliniċi ta' kwalunkwe marda tal-kategorija D u li ma tkun għet irrapportata l-ebda marda tal-kategorija D rilevanti għall-annimali bovini, porċini, ovini jew kaprini fl-istabbiliment tal-oriġini, fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina jew fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-prodotti ġerminali. Dawk ir-rekwiżiti jikkonċernaw ukoll l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika. Għal dawk iż-żewġ mardiet, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH, World Organisation for Animal Health) ma jipprevedux ir-rekwiżit li dawn ma jkunux ġew irrapportati għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-prodotti ġerminali.

L-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika huma żewġ mardiet simili ħafna mil-lat epidemjoloġiku, u jikkonċernaw l-istess speċijiet elenkati. It-tnejn huma mardiet li jinġarru minn vettur b'rekwiżiti speċifiċi tal-ittejtjar frekwenti f'każ li l-mardiet jiġu rrapportati matul perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen, tal-ooċiti jew tal-embrijuni fi Stat Membru jew żona tiegħu. L-ittejtjar tal-annimali donaturi tas-semen tal-ispeċijiet bovini, ovini u kaprini fiċ-ċentri tal-ġbir tas-semen għall-mard tal-kategorija D għajr l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika jitwettaq l-aktar fuq bażi annwali, filwaqt li l-ittejtjar għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, jekk irrapportati fi Stat Membru jew żona tiegħu, għandu jitwettaq mill-inqas kull 7 ijiem jew kull 28 jum fil-każ li jintuża test ta' identifikazzjoni tal-aġenti, jew fil-perjodu bejn 28 u 60 jum mid-data ta' kull ġbir tas-semen fil-każ li jintuża test seroloġiku. Dan il-fatt, u l-ħtieġa li r-rekwiżiti tal-Unjoni jiġu allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tad-WOAH, jiġġustifikaw approċċ differenti għal dawk iż-żewġ mardiet meta mqabbla ma' mard ieħor tal-kategorija D li jrid jiġi introdott fir-Regolament Delegat (UE) 2020/686. Għalhekk, ir-rekwiżit li ma jiġi rrapportat l-ebda każ ta' infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika fl-istabbiliment tal-oriġini, fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina u fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-prodotti

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

² ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1.

ġerminali jenħtieġ li jiġihassar, u l-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 se jiġu emendati kif xieraq.

L-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' prodotti ġerminali tal-annimali tal-familji *Camelidae* u *Cervidae* lejn Stati Membri oħra, inklużi r-rekwiżiti relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u mal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika. Dawk ir-rekwiżiti se jiġu allinjati mar-rekwiżiti għall-annimali bovini, ovini u kaprini donaturi kif stabbilit fl-Artikolu 16 emendat u fl-Anness II, il-Parti 5, il-Kapitolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686, kif emendat b'dan ir-Regolament Delegat.

L-Anness II, il-Parti 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa tal-annimali għall-annimali ekwini donaturi. F'konformità mal-Kapitolu I, il-punt 1(a)(iii) u mal-Parti 4, il-Kapitolu II, il-punt 2(c) ta' dak l-Anness, l-annimali ekwini donaturi għandhom ikunu soġġetti għal test għall-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*). F'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tad-WOAH, il-Kapitolu 3.6.2 dwar il-Metrite Kuntaġġuża Ekwina (il-verżjoni ta' Mejju 2022), għall-ittestjar permezz tar-Reazzjoni Katina bil-Polimerażi (PCR, Polymerase Chain Reaction) mhuwiex meħtieġ li jintuża medium tat-trasport biex l-iswabs jitwasslu fil-laboratorju u dawn l-iswabs għall-PCR jenħtieġ li jiġu ttestjati mhux aktar tard minn 7 ijiem wara l-kampjunar. Għalhekk, l-Anness II, il-Parti 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 se jiġi emendat billi jiġihassar l-obbligu li jintuża medium tat-trasport mill-metodoloġija għall-ittestjar permezz tal-PCR għall-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*).

L-Anness II, il-Parti 5, il-Kapitolu II u III, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika. Ir-rekwiżiti għal dak il-mard se jiġu emendati filwaqt li titqies il-kategorizzazzjoni mill-ġdid tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) minn marda tal-kategorija C+D+E għal marda tal-kategorija D+E, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/169³ li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882⁴.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa tal-Annimali (E00930) għall-finijiet ta' dan ir-Regolament Delegat saru fit-30 ta' Settembru u fl-4 ta' Novembru 2025.

L-abbozz tar-Regolament Delegat sar disponibbli wkoll għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill. Ma wasal l-ebda kumment mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

Saru diversi skambji u laqgħat oħra mal-partijiet ikkonċernati kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fejn ġew diskussi l-ixprunaturi u l-elementi rilevanti rigward il-fini u l-kontenut tal-abbozz tal-att delegat.

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/169 tas-26 ta' Jannar 2026 li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 dwar il-kategorizzazzjoni tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) bħala marda elenkata (ĠU L, 2026/169, 27.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/169/oj).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

3. ELEMENTI LEGLAI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat irid jiġi adottat fil-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u b'mod partikolari, skont l-Artikolu 160(1) u l-Artikolu 164(2) tiegħu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'27.3.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24), tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika u tal-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 160(1) u l-Artikolu 164(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inkluż ir-regoli għar-reġistrazzjoni u għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali, u għar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' konsenji ta' prodotti ġerminali fl-Unjoni.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686² ġie adottat fi ħdan il-qafas tar-Regolament (UE) 2016/429, u jistabbilixxi r-regoli ta' supplimentazzjoni għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali, għaż-żamma tar-rekords u għat-traċċabbiltà tal-prodotti ġerminali, kif ukoll ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma.
- (3) L-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jipprevedu li l-veterinarji taċ-ċentru u l-veterinarji tal-gruppi jridu jiżguraw li l-annimali donaturi la juru sintomi u lanqas sinjali kliniċi ta' kwalunkwe marda tal-kategorija D u li ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-kategorija D rilevanti għall-annimali bovini, porċini, ovini jew kaprini fl-istabbiliment tal-oriġini, fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina jew fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-prodotti ġerminali. Dawk ir-rekwiżiti jikkonċernaw ukoll l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika. Għal dawk iż-żewġ mardiet, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH, World Organisation for Animal Health) ma jipprevedux

¹ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/2019-12-14>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/686 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' stabbilimenti tal-prodotti ġerminali u r-rekwiżiti tat-traċċabbiltà u tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti fl-Unjoni tal-prodotti ġerminali ta' ċerti annimali terrestri miżmuma (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/686/2023-04-10).

ir-rekwiżit li dawn ma jkunux ġew irrapportati għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-prodotti ġerminali.

- (4) L-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika huma żewġ mardiet simili ħafna mil-lat epidemjoloġiku, u jikkonċernaw l-istess speċijiet elenkati. It-tnejn huma mardiet li jinġarru minn vettur b'rekwiżiti speċifiċi tal-ittejtjar frekwenti f'każ li l-mardiet jiġu rrapportati matul perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen, tal-ooċiti jew tal-embrijuni fi Stat Membru jew żona tiegħu. L-ittejtjar tal-animali donaturi tas-semen tal-ispeċijiet bovini, ovini u kaprini fiċ-ċentri tal-ġbir tas-semen għall-mard tal-kategorija D għajr l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika jitwettaq l-aktar fuq bażi annwali, filwaqt li l-ittejtjar għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, jekk irrapportati fi Stat Membru jew żona tiegħu, jenħtieġ li jitwettaq mill-inqas kull 7 ijiem jew kull 28 jum fil-każ li jintuża test ta' identifikazzjoni tal-aġenti, jew fil-perjodu bejn 28 u 60 jum mid-data ta' kull ġbir tas-semen fil-każ li jintuża test seroloġiku. Dan il-fatt, u l-ħtieġa li r-rekwiżiti tal-Unjoni jiġu allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tad-WOAH, jiġġustifikaw approċċ differenti għal dawk iż-żewġ mardiet meta mqabbla ma' mard ieħor tal-kategorija D li jrid jiġi introdott fir-Regolament Delegat (UE) 2020/686. Għalhekk, ir-rekwiżit li ma jiġi rrapportat l-ebda każ ta' infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) jew ta' infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika fl-istabbiliment tal-orijini, fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina u fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data tal-ġbir tal-prodotti ġerminali jenħtieġ li jiħassar u l-Artikoli 16 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.
- (5) Barra minn hekk, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882³, kif emendat reċentement bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/169⁴, jikkategorizza mill-ġdid l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) bħala marda tal-kategorija D+E, fejn qabel kienet ikkategorizzata bħala marda tal-kategorija C+D+E. Dik l-emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 tapplika mill-15 ta' Lulju 2026. Bħala konsegwenza ta' din il-kategorizzazzjoni mill-ġdid, ir-regoli għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) relatati mal-istat uffiċjali ta' ħelsien mill-mard jew mal-programmi ta' eradikazzjoni, inklużi r-rekwiżiti għall-movimenti tal-prodotti ġerminali meta jidħlu fi Stat Membru ħieles mill-mard jew żona tiegħu jew fi Stat Membru jew żona tiegħu soġġetti għal programm ta' eradikazzjoni stabbilit fil-Parti II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 4, tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689⁵ u fl-Anness V, il-Parti II tiegħu, ġew emendati bir-Regolament Delegat tal-

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/1882/oj).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/169 tas-26 ta' Jannar 2026 li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 dwar il-kategorizzazzjoni tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) bħala marda elenkata (ĠU L, 2026/169, 27.1.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/169/oj).

⁵ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/689/oj).

Kummissjoni (UE) 2026/xx [PLAN/1924/2025]⁶. Dawk l-emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 japplikaw mill-15 ta' Lulju 2026. Għalhekk, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 relatati mal-istatus uffiċjali ta' ħelsien mill-mard ta' Stat Membru jew żona tiegħu jew mat-tweqqi ta' programm ta' eradikazzjoni għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) ma jibqgħux japplikaw mill-15 ta' Lulju 2026. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness II, il-Parti 5, il-Kapitolu II, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jiġi emendat billi jitħassru r-referenzi għal stat ta' ħelsien mill-mard u għal programm ta' eradikazzjoni għal dik il-marda.

- (6) L-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-movimenti ta' prodotti ġerminali tal-annimali tal-familji *Camelidae* u *Cervidae* lejn Stati Membri oħra, inklużi r-rekwiżiti relatati mal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24). Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiġu allinjati mar-rekwiżiti għall-annimali bovini, ovini u kaprini donaturi stabbiliti fl-Artikolu 16 u fl-Anness II, il-Parti 5, il-Kapitolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686, kif emendat b'dan ir-Regolament Delegat.
- (7) L-Anness II, il-Parti 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa tal-annimali għall-annimali ekwini donaturi. F'konformità mal-Kapitolu I, il-punt 1(a)(iii) u mal-Parti 4, il-Kapitolu II, il-punt 2(c), ta' dak l-Anness, l-annimali ekwini donaturi jridu jkunu soġġetti għal test għall-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*). F'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tad-WOAH, il-Kapitolu 3.6.2 dwar il-Metrite Kuntaġġuża Ekwina (il-verżjoni ta' Mejju 2022), għall-ittestjar permezz tar-Reazzjoni Katina bil-Polimerażi (PCR, Polymerase Chain Reaction) mhuwiex meħtieġ li jintuża medium tat-trasport biex l-iswabs jitwasslu fil-laboratorju u dawn l-iswabs għall-PCR jenħtieġ li jiġu ttestjati mhux aktar tard minn 7 ijiem wara l-kampjunar. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II, il-Parti 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jiġi emendat billi jitħassar l-obbligu li jintuża medium tat-trasport mill-metodoloġija għall-ittestjar permezz tal-PCR għall-metrite kuntaġġuża ekwina (*Taylorella equigenitalis*).
- (8) L-Anness II, il-Parti 5, il-Kapitolu II u III, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika. Ir-rekwiżiti għal dak il-mard jenħtieġ li jiġu emendati filwaqt li titqies il-kategorizzazzjoni mill-ġdid tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) minn marda tal-kategorija C+D+E għal marda tal-kategorija D+E fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882.
- (9) Peress li l-emendi li saru fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/169 dwar il-kategorizzazzjoni mill-ġdid tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) bħala marda tal-kategorija D+E japplikaw mill-15 ta' Lulju 2026, jenħtieġ li dan ir-Regolament Delegat japplika wkoll minn dik id-data.
- (10) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/686 jiġi emendat kif xieraq,

⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/xx ta' xx xxx 2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/689 fir-rigward tal-programmi ta' eradikazzjoni u l-istat ta' ħelsien mill-mard għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) (ĠU L xx, xx.xx.2026, p. xx, ELI: xxx [PLAN/1924/2025]; C(2026)903)

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/686 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 16 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-punt (d)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) inżammu fi stabbilimenti fejn ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-kategorija D rilevanti għal dawk l-annimali, minbarra l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika;”;
 - (b) il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) fil-jum tal-ġbir tas-semen, tal-ooċiti jew tal-embrijuni, ma wrew l-ebda sintomu jew sinjal kliniku ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

 - (i) il-mard tal-kategorija D imsemmi fil-punt (d)(ii);
 - (ii) l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24);
 - (iii) l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika;
 - (iv) il-mard ġdid imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/429;”;
- (2) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) fil-jum meta ddaħħlu f'ċentru tal-ġbir tas-semen, ma wrew l-ebda sintomu jew sinjal kliniku ta' xi wieħed minn dawn li ġejjin:

 - (i) il-mard tal-kategorija D imsemmi fl-Artikolu 16, il-punt (d)(ii);
 - (ii) l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24);
 - (iii) l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika;
 - (iv) il-mard ġdid imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/429;”;
 - (b) il-punt (b)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) fil-perjodu ta' mill-inqas it-30 jum preċedenti, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-kategorija D rilevanti għall-annimali bovini, porċini, ovini jew kaprini, minbarra l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika;”;
 - (c) il-punt (c)(i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(i) matul perjodu li jinkludi mill-inqas it-30 jum qabel id-data tal-ġbir u mill-inqas it-30 jum wara d-data tal-ġbir tas-semen, jew fil-każ ta' semen frisk, sad-data tad-dispaċċ il-konsenja tas-semen, ma tkun ġiet irrapportata l-ebda marda tal-kategorija D rilevanti għall-annimali bovini, porċini, ovini, kaprini jew ekwini, minbarra l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika;”;
- (3) L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-punt (g) jitħassar;
- (b) il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:
 - “(k) jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1–24) u tal-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika stipulati fil-Parti 5, il-Kapitoli II u III tal-Anness II;”;
- (4) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-15 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27.3.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN